MINUTI

# GVERN LOKALI TA' XBIEX

IS-SITT LEĠISLATURA 2008 - 2013

## SEDUTA NUMRU 26 - AĠĠORNAMENT

IT-TLIETA 19 TA' OTTUBRU 2010 FIL-5.30 TA' WARA NOFS-IN-NHAR

## PREŻENTI

| | |
|---|---|
| ANTOINETTE VASSALLO | SINDKU |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |

## TALBA

IS-SINDKU QALET IT-TALBA

## I KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

i Is-Sindku rreferiet għall-proġett Green/Doggy Week. Hija nfurmat li l-Kunsill ingħata Euro1,000 biex ikopru parti mill-ispejjes involuti. Il-Kunsill iddiskuta l-programm li ġie pprezentat u approvah. Ġew approvati wkoll l-ispejjes involuti inkluż ix-xiri ta' doggy bins u t-tabelli. Gew deċiżi wkoll il-postijiet fejn dawn għandhom jitwaħħlu.

ii Is-Sindku rreferiet għall-ittra li l-Avukat kiteb lis-Sur Wilfred Spiteri dwar il-pagament dovut lil Kunsill. Is-Sindku qalet li s-Sur Spiteri talab laqgħa magħha u talab li l-Kunsill jagħtih skont iehor fuq l-ammont li jrid ihallas. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u gie deciż li l-ammont għandu jitħallas kollu pero' jista' jsir fuq perjodu ta' żmien.

iii B'referenza għat-talba biex jitwaqqaf tower crane fi Triq l-Imradd c/w Triq Abate Rigord il-Kunsill ġie nfurmat li t-Transport Malta bgħatet sett ta' regolamenti. Dawn ġew moqrija u approvati mill-Kunsill.

iv Is-Sindku nfurmat li l-Kumitat Reġjonali ġie mitlub iħallas Euro80,000 għax-xiri ta' appartament shell, fil-bini tal-Kunsill Lokali ta' l-Imsida, biex jintuża bħala l- Uffiċċju Amministrattiv

v Il-Kunsill iddiskuta l-attivitajiet tal-Milied u ġie deċiż li it-Tlieta 7 ta' Diċembru ssir l-attivita' għall-anzjani u s-Sibt 18 ta' Diċembru issir l-ikla tal-Milied għall-Kunsillieri u staff skond Memo 122/2010 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

vi Il-Kunsill ġie nfurmat bl-ittra tal-GO dwar xogħlijiet infrastrutturali fi Triq l-Imradd u Triq il-Prinjolata. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni dment li t-trinka tgħaddi minn taħt il-bankina u li l-kaxxa "joint box" ma tkunx ta' ostakolu fuq il-bankina.

vii Il-Kunsill iddiskuta l-one way system fi Triq U. Mifsud u Triq il-Prinjolata. Ġie deċiż li ninfurmaw lit-Transport Malta biex din is-sistema tiġi mplimentata mmedjatament.

**Antoinette Vassallo**
**Sindku**

**Marisa Pisani**
**Segretarju Eżekuttiv**

## I KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU (...jkompli)

viii Is-Sindku nfurmat li l-Perit bagħat rapport finanzjaru ddettaljat lil MEPA dwar il-proġett tar-roundabout biex id-differenza bejn il-Kuntratt u t-tender tiġi ffinanzjata mill-UIF.

ix Is-Sindku nfurmat li t-Transport Malta għamlu l-marki u t-tabelli tas-sightseeing buses fil-Marina. Hija rrappurtat li t-tabelli ma fihomx il-ħin hekk kif mitlub mill-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li diġa' kitbet u oġġezzjonat dwar dan.

x Is-Sindku ppreżentat il-minuti tal-Bord ta' l-Aġġudikazzjoni tal-offerti għas-servizz tal-Ġbir ta' Skart Goff u għal-Provista tad-Doggy Bins. Is-Sindku pproponiet li dawn l-offerti jingħataw hekk kif irrakkomanda l-Bord. Il-Kunsillieri E. Muscat u F. Roe issekondaw. Il-votazzjoni kien unanima favur.

Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti ġibed l-attenzjoni li l-ħaddiema li jkunu qed iwettqu dawn is-servizzi għandhom jilbsu uniformi li tkun tinkludi l-emblema u isem il-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet l-inkarigu li tinforma lil Kuntratturi b'dan.

xi Il-Kunsill ġie nfurmat bil-laqgħa li saret mad-Direttur P. Bugeja dwar id-dwal li hemm madwar il-promenade. Is-Sindku rrappurtat li għal din id-darba l-bozoz kollha li kienu bil-ħsara ġew mibdula mingħajr ħlas. Hija qalet ukoll li dan informa l-Kunsill li dawn huma responsabbilta' tal-Kunsill. Is-Sindku rrappurtat ukoll li minkejja dan is-Sur Bugeja offra li jekk il-Kunsill iħallas il-bozoz is-servizz tat-twaħħil isir mill-ħaddiema tiegħu mingħajr ħlas. Il-Kunsill qabel ma dan. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hi se tikteb lid-Dipartiment dwar dan biex l-arbli tad-dawl dekorattivi jidħlu fl-inventarju tal-Kunsill.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

## I KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU (...jkompli)

xii Il-Kunsill ġie nfurmat li t-Transport Malta approvat li fi Triq id-Deffa jitwaħħlu t-tabelli biex il-karozzi jipparkjaw faċċata tal-bini. Il-Kunsill approva li dawn jitwaħħlu.

*xiii Is-Sindku nfurmat li l-Bord ta' l-interviews għall-impjieg ta' skrivana iltaqa' u kkonkluda l-proċess. Il-Kunsill ġie nfurmat li dan kien imexxi mill-Accountant Pierre Mangion peress li waħda mill-kriterji kien l-użu tas-Sage. Is-Sindku pproponiet li l-Kunsill japprova l-impjiet tas-Sinjorina Clarissa Schembri. Il-Kunsillier E. Muscat issekonda. Il-votazzjoni kienet 4 favur u astensjoni.*

*xiv Is-Sindku qrat l-ittra ta' riżenja tal-Kunsillier A. Cachia Castelletti minn Chairperson tal-Kumitat tas-Separazzjoni ta' l-Iskart. Hija qalet li hi tħoss li din ir-riżenja m'għandiex tiġi aċċettata. Il-Kunsillier F. Roe ssekonda lis-Sindku. Il-Kunsill ġie nfurmat li fil-jiem li għaddew saret laqgħa bejn is-Sur A. Cachia Castelletti u l-Kuntrattur GreenMT li kien rappreżentat mis-CEO is-Sur J. Attard u Glenn. Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti qal li waqt il-laqgħa ġew iċċarati diversi affarijiet fosthom li fil-jiem li ġejjien dawn se jissuplixxu s-seperation bins. Huwa qal ukoll li in vista ta' dan kollu huwa se jirtira r-riżenja.*

*xv Is-Sindku nfurmat li peress li kien hemm domanda mir-residenti biex jerġgħu jibdew isiru l-lezzjonijiet taż-żfin fil-Kunsill ġie deċiż li din is-sena tiżdied klassi oħra nhar ta' Tnejn għal beginners. Hija pproponiet li l-organizzatur iħallas Euro0.50 għal kull parteċipant biex jagħmel tajjeb għal ispejjes tad-dawl u l-kafe'. Il-Kunsill qabel ma dan.*

*xvi Is-Sindku nfurmat li bħal kull sena se toħroġ ħarġa tat-Tmunier għal Milied. Hija talbet li kull Kunsillier jagħmel artiklu ta' paġna dwar id-dekasteru tiegħu. Hija qalet li dan għandu jasal għand is-Segretarja sa l-aħħar ta' dan ix-xahar.*

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

## II RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI

i Il-Kunsillier E. Muscat rrefera għat-trinka li saret fi Triq Testaferrata. Huwa rrapporta li din ingħalqet meta kienet ix-xita b'konsegwenza li l-asfalt reġa' inqalgħa. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet l-inkarigu li tinforma l-Kuntrattur b'dan.

ii Il-Kunsill iddiskuta wkoll il-football club. Il-Kunsillier E. Muscat qal li l-barman ħareġ iktar siġġijiet barra. Is-Sindku nfurmat li sid il-bar ħallas parti sostanzjali mill-ammont dovut. Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti qal li l-Kunsill irid joqgħod attent u ma joħloqx preċedent. Huwa qal ukoll li l-Kunsill għandu jitlob għal kuntratt li sar bejn sid il-bar u l-Gvern biex jiġi identifikat il-post jistgħax jibqa' jiġi użat bħala klabb.

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV

i Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li d-draft tal-Bye Law intbgħatet biex isiru xi emendi fuqha hekk kif indika l-istess Dipartiment. Hija qalet li dawn saru u ntbgħatu lura.

ii Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li rċevejna żewġ kontijiet tad-dawl tal-pump house. Hija qalet li dawn jammontaw għal Euro3182. Il-Kunsill ġie nfurmat li l-aħħar kont li tħallas u li kien ikopri perjodu ta' kważi sentejn kien jammonta biss għal Euro112. Hija qalet li in vista ta' dan se tikteb ittra ta' protesta lil WSC u titlob li jinqara l-meter.

iii Il-Kunsill ġie nfurmat li xi residenti li ressqu lmenti dwar il-prostituzzjoni talbu li jekk hu possibbli jisselfu video camera biex ikunu jistgħu jiffilmjaw xi każijiet biex jissustanzjaw dak li jkunu qed jirrappurtaw. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel li tinxtara video camera għal użu tal-Kunsill.

| | |
|---|---|
| Antoinette Vassallo | Marisa Pisani |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

## IV APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI

i Il-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti li ġiet iċċirkulata minn qabel lill-Kunsillieri. Ġie approvat ukoll il-petty cash

ii Il-Kunsill approva wkoll il-pagament ta' Euro1137.34 lil Bitmac għal heavy patching fi Triq G. Mitrovich.

**Il-laqgħa spiċċat fid-9.00pm u sar aġġornament għal nhar it-Tlieta 16 ta' Novembru 2010 fil-5.30p.m.**

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv